SCHEDULE OF TENDERS FOR THE : Grant on a temporary emphyteusis for a period which ends on the 13th March, 2072, of the property *tale quale* which is to be used for animal husbandry, *tale quale* at part of a Farm on Plot No. 1 Salina HAA Gunsite at Salina in the limits of Naxxar as shown edged in red on plan P.D.261_73_2_1. pursuant to Advertisement No.40 published on the 14th July ,2023. Copy whereof is hereto annexed. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property.

Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €15,819 as stipulated in the tender conditions.

Offers below the amount of five thousand and two hundred and seventy-three Euros (€5,273) per annum will not be considered.

This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta.

| Tender Number | Name of Tenderer | Amount Tendered | Remarks |
|---|---|---|---|
| 1. | VINCENT + DOREEN PARNIS | €5,500. | B.B + LETTER + DOCS ATTACHED |

We certify that ONE (1). tenders have been found in the Tender Box, which were opened in our presence, and of which the foregoing is a true statement.

Ronald Psaila
Manager - Disposals
Procurement and Disposals
Lands Authority
3/8/2023

Jurgen Spiteri
B.Sc. (Hons.), M.Sc. (Melit.)
Manager I
Lands Authority
03/08/2023

1.

**HU MITLUB LI TANNETTI KOPJA TAL-IRĊEVUTA UFFIĊJALI TAL-AWTORITA' TAL-ARTIJIET TA' META NXTARA DAN ID-DOKUMENT TAL-OFFERTA.**

3/8/2023

JS 3/8/23

## AWTORITA' TAL-ARTIIJIET

## OFFERTA

| |
|---|
| Avviż Nru.: 40 |
| Data: 14.7.2023 |

B'referenza ghall-Avviż pubblikat mill-Awtorita' tal-Artijiet, kif hawn fuq indikat, u skont il-kundizzjonijiet li jinsabu fih, jien hawn taht iffirmat noffri

(*) Hamest 'elef u Hames mitt Euro (€5,500) fis-sena

**għall- Għotja b'ċens temporanju ghall-perjodu li jintemm fit-13 ta' Marzu 2072 ta' propjetà *tale quale* li trid tintuża għat-trobbija tal-annimali, ta' parti minn razzett fuq Plot Nru. 1 Salina HAA Gunsite fis-Salina limiti tan-Naxxar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 261_73_2_1. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjeta adjaċenti.**
**L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €15,819 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.**
**Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u mitejn u tlieta u sebgħin ewro (€5,273) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.**
**Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.**
**a jiġux ikkunsidrati.**

(**) Ma din l-offerta qed nehmeż "Bid-Bond" skont kundizzjoni 1 "d" jew "e" tal-kundizzjonijiet tal-Avviż tal-Offerti

Nru. tal-"Bid-Bond" : 013GTEE232000003 Isem tal-Bank: BANK OF VALLETTA.

Jiena nobbliga ruħi li ma nirtirax din l-offerta qabel ma jgħaddu tliet xhur sħaħ mill-aħħar ġurnata stabbilita għat-tfigħ ta' din l-offerta, u din l-offerta nibqa' marbut biha u tkun tista' tiġi aċċettata mill-Awtorita' tal-Artijiet f'kull zmien matul dan il-perjodu ta' tliet xhur sħaħ.

NOTA:
(*) L-ammont għandu jitnizzel bi kliem u b'figuri.
(**) Skont kundizzjoni 1(d) jew (e) tal-kundizzjoni tal-Avviż tal-Offerti, min qed jagħmel offerta għandu jagħmel "Bid-Bond". Hawn għandhom jidħlu in-numru tal-Bid-Bond u l-isem tal-Bank relattiv.

**Fil-kaz li inti qiegħed titlob illi tiġi mogħti d-dritt tal-ewwel rifjut, inti għandek tagħmel din it-talba flimkien mas-sottomissjoni tiegħek marbuta ma' din is-sejħa u tagħti r-raġunijiet għaliex qed issir din it-talba. Inti għandek ukoll tibgħat id-dokumenti relevanti li jiġġustifikaw din it-talba. Dawn id-dokumenti jridu jiġu vverifikati, iffirmati u ttimbrati minn avukat tal-għażla tiegħek, barra minn hekk trid timtela d-dikjarazzjoni pprovduta ma' din is-sejħa (Ara Formola 'A' Annessa)**
<u>**Dokumenti pprovduti wara l-egħluq tal-offerti ma jiġux ikkunsidrati.**</u>

JEKK L-OFFERTA QED ISSIR MINN PERSUNA MIŻŻEWĠA F'ISIMHA PROPRJU U MHUX GĦAN-NOM TA' KUMPANIJA JEW XI GĦAQDA, GĦANDHA TIMTELA UKOLL SEZZJONI (B). ARA ISFEL.

JEKK L-OFFERTA QED ISSIR MINN PERSUNA MHUX MIŻŻEWĠA, LI ROMLOT, JEW LEGALMENT SEPARATA/DIVORZJATA TRID TIMTELA WKOLL SEZZJONI (C). ARA ISFEL.

(A) FIRMA TA' MIN JOFFRI [signature]

ISEM U KUNJOM (B'ITTRI KBAR) VINCENT PARNIS

ISEM TAL-KUMPANIJA (**) N/A

INDIRIZZ 20, TRIQ KARMENU PIROTTA,
B'KARA. BKR 1118

E-MAIL doreenparnis@hotmail.com

NRU. TAL-KARTA TA' IDENTITA' 190669(M)

DATA TAT-TWELID 27/04/1969 TEL./MOB. NO. 99497650

DATA 24/07/2023 NUMRU TAL-KUMPANIJA (**) N/A

(**) Jimtlew **biss** jekk l-offerta qegħda ssir f'isem kumpanija reġistrata.

**(B) TIMTELA BISS JEKK L-OFFERENT HUWA/HIJA MIŻŻEWWEĠ/ MIŻŻEWĠA**

Jiena (il-persuna li ffirmajt sezzjoni A) niddikjara li jien miżżewweġ/miżżewġa u mhux legalment separat/a mill-mara/raġel u għal dan il-għan l-offerta qed timtela wkoll minn marti/żewġi.

FIRMA TAL-MARA/RAĠEL [signature]

ISEM U KUNJOM (B'ITTRI KBAR) DOREEN PARNIS

NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 376468(M)

DATA TAT-TWELID 31/08/1968

**(C) TIMTELA BISS JEKK L-OFFERENT HUWA ĠUVNI/XEBBA/ARMEL/ ARMLA JEW LEGALMENT SEPARAT/A / DIVORZJAT/A**

Jiena (il-persuna li ffirmajt sezzjoni A) niddikjara li jien ġuvni/xebba/armel/armla/ legalment separat/a divorzjat/a (Aqta' li ma japplikax).

FIRMA TA' MIN QED JAGĦMEL DIKJARAZZJONI (C) ______________________

AWTORITA' TAL-ARTIJIET
Berġa tal-Baviera, Valletta VLT 2000
Email: info.la@landsauthority.org.mt
Tel: (+356) 2122 4016/7

LANDS Authority

LANDS AUTHORITY
Auberge de Bavière, Valletta VLT 2000
Website: www.landsauthority.org.mt
Tel: (+356) 2122 4016/7

1
3/8/2023
JS
3/8/23.

# Riċevuta / *Receipt*

| | |
|---|---|
| Nru. tar-Riċevuta / *Receipt No.*: | 1088718 |
| Isem u Kunjom / *Name and Surname*: | Doreen Parnis |
| Indirizz eletroniku / *Email Address*: | doreenparnis@hotmail.com |
| Titlu tat-Tender / *Tender Title*: | Property at part of a Farm on Plot No. 1 Salina HAA Gunsite at Salina, Naxxar |
| Nru. tat-Tender / *Tender No.*: | 40 |
| Ammont / *Amount*: | € 50.00 |
| Stat tat-Tranżazzjoni / *Transaction State*: | Awtorizzat / *Authorised* |
| Data - Ħin / *Date - Time*: | 16/07/2023 01:10:58 PM |
| Nru. ta' Ref. tat-Tranżazzjoni / *Transaction Ref. No.*: | 10768098 |

Total / *Total* € 50.00

BOV
Bank of Valletta
**Trade Finance Centre**
Guarantees Department
2nd Floor, 229, Triq Fleur-de-Lys
Birkirkara, BKR 9069, Malta
Tel: (+356) 21312020
SWIFT Code: VALLMTMTXXX
Email: guarantees@bov.com

1
3/8/2023
JS 3/8/23

Date: 19/07/2023

BOV
Bank of Valletta
No: 54646

**Lands Authority**
**Auberge de Baviere**
**St. Sebastian Street**
**Valletta VLT2000**
**Malta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Our Guarantee No: | **013GTEE232000003** | For: | **EUR 15,819.00** |
| By order of: | **VINCENT PARNIS** | | |

Dear Sir/Madam,

Whereas the Lands Authority has issued a Tender for the Grant on a temporary emphyteusis for a period which ends on the 13th March, 2072, of the property tale quale which is to be used for animal husbandry, tale quale at part of a Farm on Plot No. 1 Salina HAA Gunsite at Salina in the limits of Naxxar and shown edged in red on plan P.D.261_73_2_1 under Advert No. 40 dated 14th July 2023 and whereas Vincent Parnis of 20, Triq Kanonku Pirotta, B'Kara, intends to submit a tender in accordance with the above, we, Bank of Valletta p.l.c., with registered office at 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT1130 - Malta, hereby guarantee to pay you on your first demand in writing a maximum sum of Fifteen thousand Eight Hundred Nineteen EURO (EUR 15,819.00).

The guarantee becomes payable on your first written demand, which must be sent to the Bank's Guarantees Department at Trade Finance Centre, Level 2, 229, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara BKR 9069 - Malta and it shall not be incumbent upon us to verify whether such demand is justified.

For avoidance of doubt and for all intents and purposes of law, it is hereby specifically declared that although this instrument gives rise to legal relations between the Guarantor and the Beneficiary, this Guarantee does not exempt the above mentioned client from any obligation, act of performance or undertaking assumed under the conditions as specified in the above-mentioned Government Notice and the conditions of the tender application.

This document should be returned to us for cancellation on utilisation or expiry or in the event of the guarantee being no longer required.

This guarantee expires on the 04th November, 2023 and unless it is extended by us or returned to us for cancellation before that date any demand made by you for payment must be received at this office in writing not later than the aforementioned expiry date.

After the expiry date and in the absence of a written demand being received by us before such expiry date, this guarantee shall be null and void, whether returned to us for cancellation or not, and our liability hereunder shall terminate. Nonetheless this guarantee will become null and void on expiry, whether the original guarantee document is returned to us or not.

This guarantee is personal to you and is not transferable or assignable.

This guarantee shall be governed and construed in accordance with the laws of Malta and subject to the exclusive jurisdiction of the Maltese courts.

Yours faithfully,

Authorising Signature 1

Signatory No 81

Authorising Signature 2

Signatory No 844

Registered Office: 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta Registration Number: C 2833. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta). Bank of Valletta p.l.c. is an enrolled tied insurance intermediary of MAPFRE MSV Life p.l.c. MAPFRE MSV Life is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on long term business of insurance under the Insurance Business Act 1998. Bank of Valletta p.l.c. is authorised to act as a trustee by the Malta Financial Services Authority.

G 61 (01/2018) 6

Registered Office: 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130 - Malta Registration Number: C 2833. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta). Bank of Valletta p.l.c. is an enrolled tied insurance intermediary of MAPFRE MSV Life p.l.c. MAPFRE MSV Life is authorised by the Malta Financial Services Authority to carry on long term business of insurance under the Insurance Business Act 1998. Bank of Valletta p.l.c. is authorised to act as a trustee by the Malta Financial Services Authority.

LANDS Authority

Formola 'A'

1/ [signature] 3/8/2023 JS 3/8/23.

**APPLIKAZZJONI GĦAD-DRITT TAL-EWWEL RIFJUT**

Jiena hawnhekk qiegħed niċċertifika illi eżaminajt fid-dettall l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni pprovduta mill-klient tiegħi għat-talba sabiex jingħata d-dritt tal-ewwel rifjut.

Jiena qiegħed nikkonferma wkoll illi dawn id-dokumenti huma preċiżi u korretti.

Jiena nifhem illi jekk b'intenzjoni jew b'nuqqas ta' ħsieb tingħata informazzjoni ħażina lill-Awtorita', jista' jkun il-każ illi nkun ħati ta' reat kriminali.

Bl-iffirmar ta' din id-dikjarazzjoni, jiena nawtorizza lill-Awtorita' sabiex tkun tista' titlob konferma jew aktar informazzjoni, li fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li huma neċessarji kif ukoll naqbel mad-dikjarazzjonijiet kollha imsemmijin hawn fuq.

Isem tal-Applikant: Vincent Parnis (u martu Doreen Parnis)

Firma tal-Applikant: [signatures]

Isem tal-Avukat: Dr. Antoine Naudi

Firma u timbru tal-Avukat: [signature]

Dr. Antoine Naudi LL.D
M.A. (Fin. Serv) Dip. Tax
Naudi Mizzi & Associates
Flat 14, Marina Court, Abate Rigord Street,
Ta' Xbiex XBX 1120, Malta
Tel: +356 21336555-6; Fax: +356 21330713

Data: 21/7/2023

NAUDI MIZZI
& ASSOCIATES

Offices: Flat 14, Marina Court, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta
Tel: (+356) 2133 6555-6, 2133 6575 • Fax: (+356) 2133 0713 • Email: info@naudimizzi.com • Web: www.naudimizzi.com

1
3/8/2023.
JS
3/8/23.

Id-Direttur
Awtorita` tal-Artijiet
Auberge de Baviere,
Triq St. Sebastian,
Valletta VLT 2000.

21 ta' Lulju 2023

**Dritt tal-ewwel rifjut: Tender Advert 40.**

Nikteb fl-interess tas-Sur Vincent Parnis, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 190669M u fl-isem martu Doreen Parnis, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 376468M, ta' Nru. 20, Triq il-Kanonku Karmenu Pirotta, B'Kara. BKR1118.

Wara illi gejt infurmat illi l-klijenti tieghi jixtiequ jissottomettu ghotja ("bid") ghall-Advert ta' Tender bin-numru erbghin (40) datat 14 ta' Lulju 2023, ninfurmakom illi l-klijenti tieghi jixtiequ jipprevalixxu ruhhom mid-dritt tal-ewwel rifjut fuq parti mir-razzett mibni fuq Plot Nru. 1, Salina HAA Gunsite fis-Salina, Limiti tan-Naxxar u dan ghall-diversi ragunijiet fosthom:-

1. Is-Sinjuri Parnis huma s-sidien tal-fond adjacenti u mmarkat bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa mal-kuntratt ta' donazzjoni datat 24 ta' Jannar 2023 kopja ta' liema qed tigi annessa ma' din l-ittra u mmarkata bhala DOK VP1. Fil-fatt l-art illi tifforma parti mit-tender in kwistjoni hija mmarkata bl-ittra "B" fuq il-pjanta msemmija;
2. Is-Sur Vincent Parnis huwa "livestock breeder", registrat mas-servizzi veterinarji fuq l-istess sit, kif jidher dokument hawn mehmuz u mmarkat DOK VP2.
3. Jekk l-art in kwistjoni tghaddi f'idejn terzi, il-klijenti tieghi sejrin ikollhom access limitat ghad-dhul u hrug mir-razzett ezistenti taghhom;
4. Peress illi l-art in kwistjoni tintuza' ghat-trobbija tal-annimali, minn kull aspett, b'mod specjali mill-aspett ta' mard tal-annimali, ma ghandux ikun hemm terzi bieb u ghatba mal-klijenti tieghi, b'riskji ta' tixrid ta' mard.
5. Fatturi ohra huma mill-aspett privat, tmexxija tar-razzett, u sigurta', mhux xieraq li jkun hemm terzi f'din l-imsemmija parti tal-art imsemmija fit-Tender numru 40.

Fid-dawl tas-suespost, qed nitlob illi t-talba tal-klijenti tieghi ghad-dritt tal-ewwel rifjut jigi favorevolment ikkunsidrat.

Inselli ghalik,

**Dr. Antoine Naudi.**

'DOK VP1'

Illum l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar elfejn tlieta u għoxrin (2023).

**Nr. 5.**

**DONAZZJONI**

Insinwat: 3/2/2023 3/8/2023

Ins: 2990 / 2023 JS 3/8/23

Quddiemi Petra Burlo', Nutar Pubbliku ta' Malta, dehru personalment wara li vverifikajt l-identita' taghhom bis-sahha tad-dokumenti ufficjali hawn taht indikati;

Mill-ewwel parti;

**Carmelo Sammut**, zewg Josephine Sammut, iben Joseph Sammut u Theresa Sammut nee Aquilina, imwieled il-Gharghur nhar id-19 ta Novembru 1956 u residenti Casa D'Arte, Triq Salvu Busuttil, San Gwann, karta tal-identita numru 141157M u **Josephine Sammut,** mart Carmelo Sammut, bint John Xuereb u Rosina Xuereb nee Bonnici, imwielda Birkirkara nhar is-16 ta Gunju 1964 u residenti Casa D'Arte, Triq Salvu Busuttil, San Gwann, karta tal-identita numru 321564M, flimkien u solidalment bejniethom jissejhu d- "**Donanti**" fuq dan l-att.

Kull obbligu assunt u garanzija moghtija mid-Donanti fuq dan l-att qieghed hekk jigi assunt u moghtija flimkien u solidalment bejniethom.

Mit-tieni part;

**Vincent Parnis**, zewg Doreen Parnis, iben Louis Parnis u Vincenza Parnis nee Mifsud, imwieled il-Pieta nhar is-27 ta April 1969 u residenti numru tletin (30), Triq il-Kan. Karmenu Pirotta, Birkirkara, karta tal-identita numru 190669M u **Doreen Parnis,** mart Vincent Parnis, bint Joseph Attard u Angiolina Attard nee Sammut, imwielda l-Pieta nhar il-31 ta Awwissu 1968 u residenti numru tletin (30), Triq il-Kan. Karmenu Pirotta, Birkirkara, karta tal-identita numru 0376468M, flimkien u solidalment bejniethom jissejhu d-"**Donatarji**" fuq dan l-att.

Kull obbligu assunt u garanzija moghtija mid-Donatarji fuq dan l-att qieghed hekk jigi assunt u moghtija flimkien u solidalment bejniethom.

Id-Donanti u d-Donatarji u flimkien jissejhu il-"**Partijiet**" fuq dan l-att.

**Donazzjoni**

Bis-saħħa ta' dan l-att, id-Donanti qegħdin jitrasferixxu b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli lid-Donatarji li bl-istess titolu ta' donazzjoni irrevokabbli jakkwistaw l-utile dominju temporanju għal perjodu li fadal minn ħamsin (50) sena li bdew jiddekorru mill-erbatax (14) ta Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), tar-razzett bil-benefikati u/jew strutturi li jista' jkun hemm fuqu li jikkonsisti f'sit tal-kejl ta circa elf mitejn u għaxar metri kwadri (1,210mk), liema razzett jinsab fil-limiti tan-Naxxar u jikkonfina mill-irjieħ kollha ma proprjeta tal-Gvern ta' Malta, soġġett għac-ċens annwu u temporanju ta' mija wieħed u għoxrin euro (€121) (is-"**Sit**"). Is-Sit jinsab indikat bil-bordura ħamra u bl-ittra 'A' fuq il-pjanta indikata bħala Property Drawing numru mitejn wieħed u sittin *underscore* tlieta u sebgħin *underscore* tnejn (P.D. NO: 261_73_2) liema pjanta qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala dokument ittra 'A'.

Għal kull buon fini qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat dokument ittra 'B', l-ittra ta kunsens mingħand il-Lands Authority fejn l-Lands Authority taw l-awtorizzazzjoni tagħhom għal dan it-trasferiment.

Din id-donazzjoni qegħda ssir u tiġi aċċettata mill-Partijiet bil-pattijiet u kundizzjonijiet li ġejjin:

**1. Is-Sit**

1.1 Salv kif patwit mod ieħor fuq dan l-att, is-Sit qiegħed jiġi trasferit bħala;

a) liberu u frank minn ċnus u pizijiet oħra; u
b) ħieles minn djun, ipoteki, privileġġi, *charges* u kawżjonijiet; u
c) Bil-pussess battal u immedjat fuq dan l-att.

**2. Kundizzjonijiet**

2.1 Iċ-ċens huwa annwu u temporanju ta mija u wieħed u għoxrin ewro (€121), liema ċens ġie ikkalkolat a bazi ta' għaxar ċentezmi tal-ewro (€0.10) għal kull metru kwadru.

2.2 Iċ-ċens għandu jitħallas lill-Gvern ta' Malta, kull sena bil-quddiem mill-erbatax (14) ta Marzu tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022). Iċ-ċens *pro tempore* jiżdied kull ħames (5) snin a bazi taż-żieda fl-Indiċi tal-Inflazzjoni jew

b'ghaxra fil-mija (10%) tac-cens *pro tempore,* skont liema jkun l-oghla. F'kaz li jintuza l-Indici tal-Inflazzjoni, l-indici li jintuza jkun tas-sena precedenti kemm ghal dak li jirrigwarda s-sena bazi kif ukoll ghas-sena ta' revizjoni.

2.3 Id-Donatarji ghandhom juzaw is-Sit fl-intier tieghu esklussivament u b'mod kontinwu u mhux interott bhala razzett u/irziezet li sejjer/sejrin jintuzaw ghat-trobbija tal-annimali u attivitajiet relatati mal-istess u liema razzett u/jew irziezet sejjer/sejrin jinkorporaw fihom *stores* li sejrin jintuzaw ghal *feed storage* u *farm equipment storage.* Ghal fini ta' dan l-artikolu d-Donatarji ghandhom jizviluppaw u/jew ilestu tali zvilupp u jibdew joperaw l-istess, skont u/jew fil-parametri tal-permessi hekk kif mahruga mill-Awtorita tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorita tar-Rizorsi u l-Ambjent (ERA) u skont 'il-*policy/ies*' taghhom sa mhux aktar tard mill-erbatax (14) ta Marzu tas-sena elfejn tmienja u ghoxrin (2028). Ghal fini ta dan l-artikolu wkoll, jigi ddikjarat illi prezenzjalment jezistu permessi mahruga mill-istess Awtoritajiet sabiex jigi zviluppat is-Sit, skont l-ghan u/jew skont il-koncessjoni enfitewtika originarja fl-att tan-Nutar Dottor Diana Galea tal-erbatax (14) ta Marzu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022), (il-" **Kuntratt Enfitewtiku**") u skont l-istess permessi hekk kif mahruga mill-Awtoritajiet skont il-*policy/ies* taghhom.

2.4 Id-Donatarji ghandhom jaghmlu fuq is-Sit dawk il-benefikati kollha li jistghu jkunu necessarji sabiex is-Sit jintuza bl-ahjar mod skont l-ghan tal-enfitewzi hekk kif stabilit fil-Kuntratt Enfitewtiku u dan a spejjez esklussivi tad-Donatarji. Izda d-Donatarji m'ghandhomx jaghmlu benefikati u xoghol ta zvilupp li ma jkunx skont l-permess/i mahrug/a mill-Awtorita tal-Ippjanar (PA) u l-Awtorita tar-Rizorsi u l-Ambjent (ERA) skont 'il-*policy/ies*' tal-istess Awtoritajiet u qabel ma jkunu nghataw ukoll permess bil-miktub mill-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentat tal-Gvern ta Malta, liema permess ghandu jinghata mill-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta fuq parir li huwa jkun inghata mill-Ministeru Ghall-Agrikoltura u/jew ir-rapprezentant/i tieghu.

2.5 Id-Donatarji ghandhom f'kull zmien izommu l-benefikati li jkun hemm fuq is-Sit fi stat tajjeb ta tiswija skont il-ligi u ghas-sodisfazzjon tal-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta. Id-Donatarji huma wkoll responsabbli ghat-tindif u ghat-twisija u/jew

3/8/23

JS 3/8/23.

manutenzjoni u/jew riparazzjoni ta kulma jista jkun hemm fuq is-Sit, inkluz izda mhux limitatament ghat-tindif u/jew tiswija u/jew manutenzjoni u/jew riparazzjoni ta kull makkinarju u/jew ekwipagg li jista jkun hemm fuq is-Sit.

2.6 Jekk ghal xi raguni l-enfitewzi originarja tigi tterminata u/jew xolta, d-Donatarji ghandhom jaghtu lura lill-Gvern ta' Malta s-Sit bil-benefikati kollha tieghu fi stat tajjeb ta tiswija u manutenzjoni.

2.7 Kull hsara li ssir mhux biss minhabba f'kawzi ordinarji imma wkoll minhabba f'cirkostanzi accidentali, straordinarji u mhux previsti jew b'forza magguri, ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom d-Donatarji. Id-Donatarji jridu jibnu mill-gdid il-benefikati kollha jew il-parti li tkun garrbet hsara, ghall-istat originali taghhom u dan a spejjez tad-Donatarji.

2.8 Id-Donatarji ghandhom f'kull zmien josservaw l-obligazzjonijiet imposti bil-ligi fuq sidien ta bini jew artijiet u dan ghandhom jaghmlu a spejjez taghhom, minghajr dritt ta kumpens mill-Gvern ta Malta. Il-Gvern ta Malta ma jkunx obbligat taht ebda cirkostanza li johrog xi parti mill-ispejjez mehtiega biex jitwettqu dawn l-obligazzjonijiet, ikunu xi jkunu u jkun xi jkun il-perjodu li jkun baqa mill-enfitewsi meta dawn l-obbligi jigu fis-sehh.

2.9 Id-Donatarji ghandhom a spejjez taghhom, jaghmlu sistema/i adegwata/i ta drenagg li tkun/jkunu separata/i minn dik/dawk li tintuza/jintuzaw mill-Gvern ta Malta fuq is-Sit.

2.10 Id-Donatarji ghandhom, a spejjez taghhom, jaghmlu sistema/i adegwata/i tal-ilma u d-dawl, liema sistema/i ghandha/ghandhom tkun/jkunu separata/i minn dik li tintuza/jintuzaw mill-Gvern ta Malta fuq is-Sit.

2.11 Id-Donatarji jobbligaw ruhhom li ma jostakolawx u/jew ma jingumbrawx b'xi mod servizzi ezistenti u/jew li jkunu jezistu u/jew jghaddu minn fuq is-Sit. Id-Donatarji huma obbligati wkoll matul il-perjodu kolla tal-enfitewsi li ma jostakolawx bl-ebda mod lil persuna/i awtorizzata/i biex tispezzjona/jispezzjonaw, isewwi/isewwu jew taghmel/jaghmlu manutenzjoni u/jew xoghol ta alterazzjonijiet lill-istess servizzi ezistenti /jew li jkunu jezistu u/jew jghaddu minn fuq is-Sit.

2.12 Id-Donatarji ghandhom josservaw il-ligijiet u/jew regolamenti li jkunu jghoddu u/jew applikabbli minn zmien ghal zmien, inkluz il-ligijiet u/jew regolamenti tal-Unjoni Ewropeja, li jirrigwardjaw farms ghat-*trobbija tal-annimali* u/jew attivitajiet relatati mal-istess. Id-Donatarji huma obbligati matul il-perjodu kollu tal-enfitewsi li jottjenu l-permessi u/jew il-licenzji kollha mehtiega u/jew necessarji skont il-ligi sabiex jonoraw l-obbligi li johorgu u/jew huma relatati mal-Kuntratt Enfitewtiku.

2.13 Id-Donatarji ghandhom dejjem jizguraw li xi servizzi li jghaddu minn fuq is-Sit ghandhom jibqghu liberi u minghajr ingombru u ghandhom dejjem ihallu access liberu lil persuni awtorizzati biex jispezzjonaw u/jew isewwu u/jew jaghmlu manutenzjoni u/jew xoghol ta alterazzjoni lill-istess servizzi. Ghal fini ta dan l-artikolu, id-Donatarji ghandhom ihallu access liberu fuq is-Sit lill-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta u/jew ir-rapprezentant/i tieghu sabiex jispezzjona/w is-Sit. Jekk id-Donatarji ghal kwalunkwe raguni jonqsu milli josservaw dan l-obbligu huma jkollhom ihallsu penali ta mitejn ewro (€200) ghall kull darba li jkunu naqsu milli josservaw dan l-obbligu.

2.14 Id-Donatarji ghandhom jassikuraw u/jew jaghmlu polza ta assikurazzjoni u/jew ghandhom izommu dejjem assikurat matul l-enfitewsi s-Sit u l-benefikati kollha tieghu u/jew li jkunu saru fuq is-Sit fil-valur kollu taghhom kontra kull telf u hsarat, inkluzi hruq u/jew spluzjoni li jkunu attribwiti ghal negligenza, u riskji ohra li jkunu assikurati kontra kull proprjeta ta natura simili fl-Unjoni Ewropea. Id-Donatarji ghandhom jaghmlu wkoll assikurazzjoni u ghandhom izommu assikurata somma ta flus li d-Donatarji jkollhom ihallsu skont il-ligi bhala danni dwar korrimenti li jiggarrbu minn xi persuna b'accident u/jew telf jew hsara li ssir lill-proprjeta ta terzi b'accident; sa limitu ta indennizz li jkun mehtieg izda f'ebda kaz sa mhux anqas minn miljun ewro (€1,000,000). Dawn l-assikurazzjonijiet ghandhom jaghmluhom id-Donatarji a spejjez taghhom u f'isem il-Gvern ta Malta a sodisfazzjon tal-Awtorita tal-Artijiet ma Kumpanija tal-Assikurazzjoni accettabbli ghall-Gvern ta Malta.

2.15 Id-Donatarji ghandhom javzaw minnufih lill-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta meta jsibu xi tracci ta oggetti jew monumenti ta importanza antikwarja jew arkeologika locali fuq is-Sit.

3/8/2023
JS 3/8/23.

F'kull sejba ta oggetti mobbli (din l-espressjoni tinkludi fuhhar, muniti, ghadam u oggetti ohra ta natura simili kif ukoll fdalijiet ta mobbli bhal dawn) il-Kuntratt Enfitewtiku jista, fid-diskrezzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta, jinhall jew ghas-Sit kollu jew ghal dik il-parti biss fejn tkun lokata s-sejba u dan jekk il-Gvern ta Malta fi zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha jinghata l-avviz tas-sejba, ikun gharraf bil-miktub lid-Donatarji bl-intenzjoni tieghu li jhassar il-kuntratt ta enfitewzi, jew kollu jew parti minnu, skont il-kaz; b'dan li fil-kaz tal-ahhar, id-Donatarji jkollhom dritt li jitolbu t-thassir tal-enfitewzi kollu jekk huma juru li l-bqija tas-Sit ma jkunx adattat ghall-iskop li ghalih ikun inghata b'enfitewzi. F'kaz ta thassir parzjali tal-kuntratt ghandu jkun hemm tnaqqis tac-cens proporzjonat ghas-Sit li dwaru jkun thassar il-kuntratt. F'kaz ta thassir tal-kuntratt kollu, d-Donatarji jkunu intotolati biss ghal dak l-ammont li b'mod ragonevoli jkunu ntefqu ghal dawk ix-xogholijiet li jkunu ghamlu fuq is-Sit u li ma jkunx ghadhom ta uzu ghalihom b'konsegwenza tat-thassir tal-kuntratt u d-Donatarji ma jkunu intitolati ghal ebda kumpens iehor ta kwalunkwe xorta.

2.16 Il-fatt li d-Donatarji jonqsu li jaghtu l-avviz kif kontemplat fil-klawsola precedenti numru tnejn punt hmistax (2.15) bil-konsegwenzi li johorgu minnha u wkoll mill-klawsoli numri tnejn punt sebgha u ghoxrin (2.27) u tnejn punt tmienja u ghoxrin (2.28) ta dan l-att, bl-ebda mod ma jnaqqas mir-responsabilita tad-Donatarji ghal xi penali jew konsegwenza ohra taht l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

2.17 Id-Donatarji ghandhom jirrispettaw kull servitu ezistenti fuq is-Sit u ma ghandhomx jissoggettaw is-Sit ghal xi servitu gdid. L-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta u/jew rapprezentant/i tieghu jirriserva u/jew ikollu d-dritt li jissoggetta s-Sit ghal servitu/jiet ohra minghajr ma jkun dovut xi hlas favur id-Donatarji, li jaccettaw. F'dan il-kaz izda l-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta u/jew rapprezentanti/i tieghu ghandu/hom jara/w li, sakemm hu possibli, ma jigux ikkawzati danni lid-Donatarji.

2.18 Id-Donatarji ma jistghux jikru jew jiddisponu mis-Sit jew parti minnu b'ebda mod jew titolu matul il-perjodu tal-enfitewzi jekk mhux bil-permess tal-Awtorita tal-

Artijiet u kwalunkwe Awtorita ohra kompetenti li tkun qed tirrapprezenta lill-Gvern ta Malta.

2.19 Id-Donatarji ma jistghux ihaffru ghall-ilma fuq is-Sit, hlief bil-permess mil-miktub mill-Awtorita tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta Malta.

2.20 *Mholli barra intezjonalment*

2.21 F'kaz li l-Gvern ta Malta jespropja ghal skop pubbliku taht taqsima erbgha (IV) tal-Att tal-elfejn u sbatax (2017) dwar l-Artijiet tal-Gvern, parti u/jew is-Sit kollu, d-Donatarji ma jkollhom l-ebda dritt ghal kumpens tal-valur tas-Sit u/jew parti minnu li jkun gie esproprjat, izda jkollhom dritt biss ghal hlas ta ammont ta flus ekwivalenti ghal benefikati u spejjez li jkunu saru minnhom fuq is-Sit u/jew parti minnu li jkun gie esproprjat.

2.22 Id-Donatarji jobbligaw ruhhom li jilqghu u/jew ihallu bla ebda forma ta tfixkil, student u/jew haddiema tal-Gvern ta Malta juzaw is-Sit bil-benefikati kollha tieghu jew parti minnu u/jew l-facilitajiet li jista jkun hemm minn zmien ghal zmien fuq is-Sit u/jew parti minnu ghal skopijiet edukattivi u/jew studju.

2.23 Bla hsara ghall-kundizzjonijet l-ohra ta dan l-att u bla pregiduzzji ghad-dritt tal-Gvern li jxolji l-enfitewzi taht il-klawsola numru tnejn punt hamsa u ghoxrin (2.25), f'kaz ta ksur ta xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet ta dan l-att id-Donatarji jkunu obbligati illi jhallsu penali ta' mitt ewro (€100) fil-gimgha jew parti minnha ghal tali ksur. Din il-penali titla' ghal mitejn ewro (€200) fil-gimgha jew parti minnha, f'kaz li il-ksur tal-kundizzjoni jew aktar mill-kundizzjonijiet ta' dan l-att jibqa' fis-sehh ghal iktar minn ghaxar (10) gimghat

2.24 Id-Donatarji ghandhom jaghmlu garanzija bankarja favur l-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta ghas-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) u f'kaz ta' ksur ta' xi wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet ta' dan l-att mid-Donatarju, l-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta jkollha d-dritt li tigbed minn din il-garanzija, minghajr ebda notifika lid-Donatarji, kwalunkwe ammont ekwivalenti ghal hlas li jista' jkun dovut mid-Donatarji a favur I-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta, in linea ta'

1.
3/8/2023
JS 3/8/23.

penali hekk kif stipulat f'dan l-att ghal ksur tal-kundizzjonijiet u/jew xi wahda minnhom. Id-Donatarji ghandhom jassiguraw li l-valur kopert bil-garanzija bankarja jibqa' f'kull hin matul il-perjodu tal-enfitewsi fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000). Fl kaz izda illi l-ammont dovut bhala penali mid-Donatarji favur l-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta jaqbez is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) li jkun kopert bil-garanzija bankarja hekk kif stipulat f'dan l-artikolu, d-Donatarji jibqghu xorta obbligati illi jhallsu lill-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta, is-somma kollha dovuta bhala penali a bazi ta dan l-att.

2.25 Bla hsara ghall-kundizzjonijiet l-ohra ta' dan l-att, il-Gvern ta' Malta jkollu dritt li jhassar l-enfitewsi a bazi ta' xi wahda u/jew aktar minn dawn ir-ragunijiet:

a) Jekk id-Donatarji juzaw s-Sit u/jew parti minnu ghal xi ghan/skop iehor u/jew differenti minn dak stipulat f'dan l-att; u/jew

b) Jekk id-dikjarazzjoni maghmula mid-Donatarji fl-artikolu tnejn punt tlieta (2.3) ta' dan il-kuntratt tirrizulta illi hija falza u/jew il-permess mahrug mill-istess Awtorita' Awtoritàjiet ta' l-Ippjanar (PA) u L-Awtorità tar-Rizorsi u -Ambjent (ERA) u/jew kwalunkwe emenda ta' tali permess li tista' tigi sottomessa mal-istess Awtoritjiet bi kwalunkwe mod tippregudika u/jew tista' tippregudika li jintlahaq l-iskop u/jew ghan ta dan il-kuntratt hekk kif indikat fl-artikolu tnejn punt tlieta (2.3) ta' dan il-kuntratt; u/jew

c) Jekk id-Donatarji ma jlestux u jibdew joperaw l-izvilupp fi zmien sitt (6) snin mid data tal-Kuntrat Enfitewtiku kif stipulat fl-artikolu tnejn punt tlieta (2.3) ta' dan il-kuntratt; u/jew

d) Jekk id-Donatarji jibnu fuq art ohra li mhuwiex is-Sit; u/jew

e) Jekk ma tkunx osservata xi wahda jew iktar mill-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt; u/jew

f) Jekk I id-Donatarji jonqsu li jhallsu c-cens ghal sentejn (2) jew ikollhom jaghtu ammont ta' cens li jkun ekwivalenti ghal sentejn (2) Cens jew jekk, ghalkemm ikunu ghamlu xi hlas parzjali f'xi sena, huma jibqghalhom ihallsu somma daqs l-ammont ta' sentejn (2) Cens u f'kull kaz jibqghu hekk debituri wara li jghaddu tletin (30) gurnata min-notifika ta' ittra ufficjali mibghuta lilhom ghall-hlas relattiv mill-Awtorita' tal-Artijjet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta; u/jew

g) Jekk id-Donatarji, fi zmien xahar minn meta jinghatalhom, ma jobdux xi ordni legittima minn xi awtorità kompetenti jew dwar is-Sit u l-benefikati li jkun hemm fuqu jew inkella dwar l-operat u/jew xoghol taghhom fuq is-Sit jew parti minnu; u/jew

h) Jekk ma jkunx hemm sinjali cari li x-xoghol ta' zvilupp li jkun rikjest minn xi licenzja/i u/jew permess/i li tikkoncerna/jikkoncernaw il-*farm* ghat-trobbija tal-annimali li hija inkoporata fir-razzet u/jew irziezet u/jew jikkoncerna attivitajiet relatati ma' farms ghat-trobbija tal-annimali ma jibdewx fi zmien sitt (6) xhur minn meta tkun harget/hargu tali licenzja/i u/jew permess/i; u/jew

i) Jekk f'xi zmien, ikun meta jkun, matul il-perjodu tal-enfitewsi, d-Donatarji ma jibqghux registrati u/jew licenzjati bhala farm ghat-trobbija tal-annimali; u/jew

j) Jekk l-operat u/jew xoghol li jitwettaq mid-Donatarji fuq is-Sit jew parti minnu ma jkunx kopert bil-licenzja/i u/jew permess/i kollha necessarji skont il-ligi u skont dan il-kuntratt.

k) Qieghed jigi ddikjarat illi tali trasferiment qieghed isir bil-kundizzjoni li d-Donatarji jibqghu dejjem izommu licenzja attiva skont il-permess tal-veterinarju ghat-trobbija tal-annimali specifikati u jekk il-licenzja ma tibqax attiva, il-koncessjoni enfitewtika trid tispicca u l-art ghandha tigi rritornata lill-Awtorita'. Ghandu jigi mhallas kull ammont dovut lill-Awtorita' qabel.

2.26 Salv l-applikazzjoni tal-klawsola numru tnejn punt hmistax (2.15) u klawsola numru tnejn punt wiehed u ghoxrin (2.21), fit-terminazzjoni u/jew thassir tal-enfitewsi ghal kwalunkwe raguni, kull xoghol/xoghlijiet u/jew titjib fuq is-Sit ghandhom isiru proprjetà tal-Gvern ta' Malta flimkien mas- Sit u d-Donatarji ma jkollhom ebda dritt ta' kumpens ikun xi jkun il-valur tax-xoghol/xogholijiet jew benefikati. Ghall-fini ta' din il-klawzola, l- d-Donatarji ghandhom jaghtu lura lill-Gvern ta' Malta, is-Sit flimkien mal-benefikati u/jew xoghol/xogholijiet li jkunu ghamlu fuqu fi stat tajjeb ta' tiswija skont il-ligi u ghas-sodisfazzjoni l-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta.

2.27 Barra x-xoljiment u/jew thassir u/jew terminazzjoni tal-enfitewsi kif hu mahsub fi klawsola tnejn punt hamsa u ghoxrin (2.25), il-Gvern ta' Malta jkollu wkoll id-dritt li jitlob kumpens ghad-danni u hlas ta' kull penali dovuta minghand d-Donatarji hekk kif stipulat f'dan l-att f'kaz li

d-Donatarji jiksru l-kundizzjonijiet, u/jew xi wahda minnhom, ta' dan il-kuntratt.

2.28 Id-Donatarji huma responsabbli, jaghmlu tajjeb u zzomm lill-Gvern ta' Malta hieles minn kwalunkwe azzjoni, proceduri u talbiet maghmula kontra I-istess Gvern ta' Malta, u kwalunkwe telf, danni, spejjez, hlasijiet u obbligazzjonijiet li jista' jsofri I-Gvern ta' Malta direttament jew indirettament ma' dan ic-cens huma a kariku ta' u ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom d-Donatarji.

2.29 II-Ministeru, u/jew I-Awtorita' tal-Artijiet bhala rapprezentant tal-Gvern ta' Malta, jkun/u jista'/jistghu fid-diskrezzjoni assoluta tieghu/taghhom u fi kwalunkwe hin matul il-perjodu tal-enfitewsi jibghat/u ir-rapprezentant/i tieghu/taghhom sabiex jaghmel/jaghmlu skont il-htiega spezzjoni tas-Sit u tal-benefikati u/jew tal-facilitajiet li jista' jkun hemm fuq I-istess sit biex jivverifika/w jekk d-Donatarji jkunux qed jonoraw u/jew iharsu I-obbligi kollha assunti f'dan il-kuntratt. Jekk id-Donatarji, ghal kwalunkwe raguni jonqsu milli josservaw dan I-obbligu huma jkollhom ihallsu penali ta' mitejn ewro (€200) ghal kull darba li jkunu naqsu milli josservaw dan I-obbligu. F'kas ta' ksur tal-obbligi u/jew ta' xi wiehed minnhom, I-enfitewsi tkun tista' tigi tterminata u/jew xotta kif stipulat f'dan I-att u d-Donatarji jkollhom ihallsu wkoll il-penali hekk kif stipulat fi klawsola tnejn punt tlieta u ghoxrin (2.23) ta' dan il-kuntratt.

2.30 *Mholli barra intezjonalment*

2.31 Id-Donatarji jirrinunzjaw ghal kull dritt li jkollhom skont il-ligi u li jista' jkun kuntrarju ghal kondizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

2.32 Id-Donatarji jiddikjaraw illi il-Gvern ta' Malta ghandu rregistrat favur tieghu privilegg specjali moghti mil-ligi in garanzija tal-hlas tac-cens u tal-ezekuzzjoni tal-obbligi tal-Kunratt Enfitewtiku.

2.33 Kwalunkwe tilwim, kontroversja jew talba li tohrog jew li ghandha x'taqsam ma' dan il-kuntratt jew il-ksur, terminazzjoni jew l-invalidita' ta' dan il-kuntratt jew il-Kuntratt Enfitewtiku, ghandha tigi debita permezz ta' procedimenti ta' arbitragg skont ir-regoli tal-arbitragg tac-centru dwar l-Arbitragg ta' Malta kif huma fis-sehh.

Ghall-ghanijiet ta' din il-klawsola, f'kaz ta' tilwim, kontroversja jew talba:-
(a) in-numru ta' arbitri jkunu tlieta (3);
(b) l-awtorita' li tappunta tkun ic-Centru tal-Arbitragg ta' Malta;
(c) l-arbitragg isir f'Malta u 1-proceduri jsiru bl-ilsien Malti;
(d) il-ligi li tapplika hija l-ligi Maltija.

**3. Valur**

3.1 Il-Partijiet jiddikjaraw illi l-Sit ghandu valur ta' mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

3.2 Il-Partijiet jiddikjaraw illi dan il-valur huwa gust u reali kif jidher mill-valutazzjoni tal-perit hawn anness u mmarkat dokument ittra 'C' u dan wara li jiena Nutar sottoiffirmat wissejthom bl-importanza li jiddikjaraw is-sewwa.

**4. Garanziji tad-Donanti**

4.1 Id-Donanti jiggarantixxu t-titolu tajjeb, flimkien mal-pacifiku pussess u godiment reali tas- Sit skont il-ligi favur tad-Donatarji, li jaccettaw.

**5. Spejjez u Taxxi**

5.1 Spejjez u taxxi ta' dan l-att jithallsu mid-Donatarji.

**6. Dikjarazzjonijiet Statutorji**

6.1 Ghall-finijiet tal-Att dwar id-Dokumenti u Trasferimenti Kapitolu tlett mija erbgha u sittin (Kap 364) tal-ligijiet ta Malta:

a. Jien Nutar sottofirmat niddikjara li d-Donanti akkwistaw is-Sit permezz ta kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Diana Galea datat l-erbatax (14) ta Marzu tas-sena elfejn tnejn u ghoxrin (2022).

b. Taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti dovuta fuq dan l-att mid-Donatarji ikkalkulata bir-rata ta hames ewro (€5) ghal kull mitt ewro (€100) jew parti minnha tammonta ghal hdax-il elf u hames mitt ewro (€11,500).

6.2 Ghal-finijiet tal-Att Dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kapitlu mija tlieta u ghoxrin (123) tal-Ligijiet ta Malta, jigi dikjarat illi:

a. Il-Partijiet jiddikjaraw illi ghaddew lili Nutar sottoffirmat, il-fatti kollha li huma necessarji sabiex jigi stabbilit jekk dan it-trasferiment huwa wiehed li jaqa taht l-artikolu hamsa ittra 'A' (5A) tas-sopracitat att u li huma necessarji sabiex jigi determinat l-ammont ta' taxxa dovuta, jew jekk ghandhiex tapplika xi ezenzjoni, inkluz ukoll il-valur proprju tas-Sit. Din id-dikjarazzjoni saret wara li jiena Nutar sottoiffirmat wissejt lill-Partijiet dwar l-importanza li jghidu s-sewwa;

c. Taxxa dovuta mid-Donanti ikkalkulata bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) tammonta ghal hdax-il elf u hames mitt ewro (€11,500).

6.3 Ghall-finijiet tal-Att Dwar l-Akkwist ta Proprjeta Immobli minn Persuni mhux Residenti, Kapitlu mitejn sitta u disghin (296) tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi d-Donatarji jikkwalifikaw sabiex jakkwistaw s-Sit minghajr il-bzonn ta' permess ghax-xiri ta' proprjeta' minn persuni mhux residenti, *stante* li huma jiddikjaraw illi huma cittadini Maltin u ghexu Malta b'mod kontinwu ghal mhux inqas minn hames (5) snin tul hajjithom. Din id-dikjarazzjoni saret wara li wissejt lid-Donatarji dwar l-importanza li jghidu s-sewwa;

6.4 Ghall-finijiet tar-regola numru ghaxra (10) tar-Regoli Dwar Qligh Kapitali, Ligi Sussidjarja mija tlieta u ghoxrin punt tnejn sebgha (L.S.123.27) tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigi dikjarat mid-Donanti illi huma cittadini ta' Malta u jirrisjedu Malta, u mhix l-intenzjoni taghhom li jitilqu minn Malta bl-intenzjoni li jistabilixxu r-residenza taghhom 'l barra minn Malta qabel id-data tal-hrug tal-prospett tal-*income* ghal din is-sena, u dan wara li wissejthom dwar l-importanza li jghidu s-sewwa;

6.5 Ghall-finijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu hamsa u hamsin (KAP 55) tal-Ligijiet ta' Malta, jien Nutar sottofirmat niddikajra illi l-Partijiet ezentawni milli naghmel kwalunkwe tip ta ricerki in konnessjoni mas-Sit hawn trasferita u dan wara li jien Nutar sottofirmat wissejthom dwar l-effeti u l-konsegwenzi ta' din l-ezenzjoni.

6.6 Ghall-finijiet tal-Att dwar ir-Registrazzjoni tal-Artijiet Kapitolu mitejn sitta u disghin (296) tal-Ligijiet ta Malta jigi ddikjarat li s-Sit jaqa f'zona ta' registrazzjoni u huwa rregisrat taht certifikat ta titolu numru erbgha erbgha zero zero erbgha zero tmienja tlieta (44004083).

6.7 Ghall-finijiet tal-Att Kontra Money Laundering, kapitlu tlett mija tlieta u sebghin (373) tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet tar-Regolamenti kontra Money Laudering u Finanzjar ta' Terrorizmu, Ligi Sussidjarja tlett mija tlieta u sebghin punt zero wiehed (L.S. 373.01) tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet tad-direttivi, *implementing procedures* u regolamenti ohra promulgati in seguitu ta' tali legislazzjoni, jigi dikjarat mill-Partijiet li:

a. huma mhumiex involuti f'attivita' kriminali, inkluz il-hasil ta' flus u l-iffinanzjar ta' terrorizmu;
b. l-flus li qed jintuzaw f'din it-transazzjoni huma provenjenti minn sorsi legittimi;
c. mhumiex persuni esposti politikament u lanqas huma fdati jew kienu fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti.

Din id-dikjarazzjoni qieghda ssir wara li jiena Nutar wissjet lill-Partijiet dwar l-importanza li jghidu s-sewwa.

Maghmul, moqri u pubblikat *previa* d-debita cerzjorazzjoni skont il-ligi, Malta, San Gwann, Triq in-Naxxar, numru mija tnejn u hamsin (152), ufficju numru wiehed (1).

Carmelo Sammut.
Josephine Sammut.
Vincent Parnis.
Doreen Parnis.
Petra Burlo'
Nutar Pubbliku ta' Malta.

**Vera kopja tal-Originali fl-Atti**
**tieghi mahruga llum 13ta' April 2023.**
**Quod Attestor.**

**Petra Burlo',**
**Nutar Pubbliku, Malta.**
**152/1, Naxxar Road, San Gwann.**

1
PP
3/8/2023
JS
3/8/23.

(B)

1
PP
3/8/2023
JS
3/8/23.

LANDS Authority

Lands Reference: L.1600/1963/5

08/11/2022

Mr. Carmelo Sammut
Casa D'Arte
Triq Salvu Busuttil
San Gwann

**Request for Consent of the Lands Authority to transfer a property granted under a temporary emphyteusis to a third-party part time/full time animal breeder**

| | |
|---|---|
| Application no: | n/a |
| Location: | Plot 1 Salina HAA Gunsite – Naxxar – Tent 67481-002 |
| Proposal: | to transfer a property granted for a temporary emphyteusis to a third-party part time/full time animal breeder registered with the Veterinary Regulation Directorate |

With refence to your application, to submit a transfer a property granted under a temporary emphyteusis to a third-party part time/full time animal breeder, the Lands Authority has assessed and decided upon the request as follows:

**Decision: GRANT CONSENT**

**This letter of consent is hereby being granted provided that within 15 days of the signing of the Deed of Transfer, the new emphyteuta shall inform Lands Authority by sending a letter on email address legal.la@landsauthority.org.mt together with a copy of the Deed and a certificate issued by Veterinary Regulation Directorate as a proof that the third party is a recognized and registered part time/full time animal breeder for the farming unit subject of the deed of transfer.**

**In case of failure to abide by the provisions of this condition, the Lands Authority reserves the right to impose sanctions, which may include the annulment of the deed of emphyteusis and repossession of the property in question.**

This consent is being granted under the following conditions:

a) *All documents submitted with the application were complete, correct, accurate and true.*
b) *The proposed transfer does not run counter to conditions contained in the concession;*
c) *No third-party rights are being infringed by the proposed development.*
d) *It shall not confer any rights over the Government property, which were not previously vested.*
e) *The Lands Authority is in no way to be held responsible for any expenses incurred in seeking other Authorities/Departments' approval.*

Joanie Galea
f/Chief Executive Officer

Joanie Galea
Senior Manager Agricultural Property
Lands Authority

Address:
Auberge de Baviere,
St Sebastian Street,
Valletta VLT 2000

Custom care:
+356 21224016/7

Email:
customercare.la@landsauthority.org.mt

Web:
www.landsauthority.org.mt

(C)

1

3/8/2023

JS 3/8/23.

# CHRIS CACHIA
ARCITURETECH LTD.

NO 78B, FLEUR-DE-LYS ROAD, BIRKIRKARA, MALTA. TEL: 21485858, MOB: 79040404 VAT No. MT2748-9801

OUR REF: 1816-1

15th November, 2022

## TO WHOM IT MAY CONCERN

I, the undersigned Architect & Civil Engineer, have been instructed by Mr. Carmelo Sammut (ID 141157M) and Mr. Vince Parnis (ID 190669M) of Casa D'Arte, Triq Salvu Busuttil, San Gwann and No 30, Karmenu Pirotta Street, Birkirkara respectively to prepare an estimate of a cow farm at, Plot 1, Salina HAA Gunsite, Naxxar, Tent 67481-002 as subject to a temporary ground rent of 50 years starting on 30th March, 2022

The property in question is a cow farm constructed on one floor measuring an area of 1,210sqm. The farm consists of a heifer's area, a sick bay area, a cow shed, a fodder store, a milking room, a store, a manure clamp, and an office. The farm needs refurbishment and upgrading to conform to current standards.

After taking into consideration the location and position, size and layout, services and finishes of the above-mentioned farm, together with the information furnished to me during my inspection that could have a bearing on its value, I am in a position to fix the value of the above-mentioned farm as subject to a temporary emphyteusis of €121 annually for the remaining as free from any other burden or servitude at €230,000 (**two hundred and thirty thousand Euro**).

.......................................................

Chris Cachia B.E. & A. (Hons), M.Sc. (Env. Plan. & Mgt), A & C.E.

Josephine Sammut.

Carmel Sammut

# FARM ON PLOT No. 1, SALINA HAA GUNSITE, SALINI I/o NAXXAR




SCALE 1 : 500

4/4/2022

INTERPRETED FROM PLAN SUBMITTED BY APPLICANT AND FROM DRAFT COPY IN FILE L/1600 /63 /5

"A"

1

3/8/2023

JS 3/8/23



Site Plan
S.S. 4878

Scale 1:2500
Map Ref.: 48506
78258

| | |
|---|---|
| A | Property No : 67481<br>Area : 1210m² |
| B | Property No : E269146<br>Area : 131m² |

LANDS Authority
Estate Management & Business Development

Auberge de Baviere
St. Sebastian Str, Valletta
Phone (00356) 2295 3238/39/40/42
Website
landsauthority.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| Locality: | NAXXAR | | |
| P.D. No.: | 261_73_2 | Scale : | 1 : 500 |
| File No.: | L 1600 / 63 / 5 | Drawn by : | cianj014 |

(sgd. S. Scotto)
A&CE

Date : 30 th October 2020

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS
VETERINARY REGULATION DIRECTORATE

'DOK VP2'

Mr Vince Parnis

30,
Kanonku Karmenu Pirotta Str,
Birkirkara

ID 190669M

15th November,2022.

Mr Parnis,

This is to confirm that according to information extracted from the National Livestock Database, and relevant files, there is a registration on your name and ID card number of a ruminant farm with registered address being Unit 1, Salina Battery, Triq il Katakombi L/O Naxxar, with registration numbers D229.

This information is being given as per information you presented on the letter of request.

VETERINARY REGULATION DIRECTORATE MALTA NLD 1

**Joseph Calleja**
**Principal Veterinary Support Officer**

**F/ Director Veterinary Regulation**

Abattoir Street, Albert Town, Marsa, MRS 1123 - Malta
t: +356 2095 3791| https://agrikoltura.gov.mt/

LANDS Authority

L/1600/1963/0005/A

17 ta' Lulju, 2023

1/ 3/8/2023 JS 3/8/23.

Mr. Vincent Parnis
30,
Triq Kanonku Karmenu Pirotta,
Birkirkara. BKR 1116

Sinjur,

**Mingħajr preġudizzju**

Niġbidlek l-attenzjoni li l-Awtorita' tal-Artijiet ippubblikat l-Avviż li ġej fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-**Gimgha, 14 ta' Lulju, 2023:**

| | |
|---|---|
| *Avviż Nru. **40** | Għotja b'ċens temporanju ghall-perjodu li jintemm fit-13 ta' Marzu 2072 ta' propjetà *tale quale* li trid tintuża għat-trobbija tal-annimali, ta' parti minn razzett fuq Plot Nru. 1 Salina HAA Gunsite fis-Salina limiti tan-Naxxar kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 261_73_2_1. Dan is-sit huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjeta adjaċenti.<br>L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*Bid-Bond* għall-ammont ta' €15,819 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.<br>Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u mitejn u tlieta u sebgħin ewro (€5,273) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.<br>Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.<br>Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta. |

F'każ li jinteressak ninfurmak li l-offerti u kull ma' wieħed jixtieq ikun jaf fuq il-kundizzjonijiet tal-kuntratt jistgħu jinkisbu billi tagħfas il-buttuna '*Buy Tender*' fuq il-paġna ta' din l-offerta fuq is-sit www.landsauthority.org.mt/services/tendering , liema offerti jibqgħu jintlaqgħu minn din l-Awtorita' sal-**10.00 a.m. ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Awwissu , 2023.**

Dejjem tieghek,

John Paul Muscat
Għ/Awtorita' tal-Artijiet

**Address:** Auberge de Baviere, St. Sebastian Street, Valletta VLT 2000
**Telephone:** +356 21224016/7
**E-mail:** info.la@landsauthority.org.mt
**Web:** www.landsauthority.org.mt